II

(Atti mhux leġiżlattivi)

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali ta' NU/KEE biss għandhom effett legali skont il-liġi pubblika internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, li jista' jinstab fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

Ir-Regolament Nru 81 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' mirja retroviżuri ta' vetturi b'żewġ roti u bil-mutur, b'karozza fil-ġenb jew mingħajrha, fir-rigward tal-immuntar ta' mirja retroviżuri fuq il-manubriji

Jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-suppliment 2 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament — Id-data tad-dħul fis-seħħ: it-18 ta' Ġunju 2007

IL-KONTENUT

REGOLAMENT

1. Kamp ta' Applikazzjoni

I. MIRJA RETROVIŻURI

2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Marki
5. Approvazzjoni
6. Rekwiżiti ġenerali
7. Speċifikazzjonijiet speċjali
8. Testijiet
9. Konformità tal-produzzjoni
10. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
11. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' mera retroviżur
12. Produzzjoni mwaqqfa definittivament

II. INSTALLAZZJONI TA' MIRJA RETROVIŻURI

13. Definizzjonijiet
14. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
15. Approvazzjoni
16. Rekwiżiti
17. Konformità tal-produzzjoni
18. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
19. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura

20. Produzzjoni mwaqqfa definittivament

21. Ismijiet u indirizzi ta' servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi

ANNESSI

Anness 1 — Komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni jew inkella ċ-ċaħda jew l-estensjoni jew inkella l-irtirar tal-approvazzjoni jew il-produzzjoni li twaqqfet definittivament ta' tip ta' mera retroviżur skont ir-Regolament Nru 81

Anness 2 — Komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni jew inkella ċ-ċaħda jew l-estensjoni jew inkella l-irtirar tal-approvazzjoni jew il-produzzjoni mwaqqfa definittivament ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' mirja retroviżuri skont ir-Regolament Nru 81

Anness 3 — Arranġament tal-marka tal-approvazzjoni tal-mera retroviżur

Anness 4 — Arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni tal-vettura dwar l-installazzjoni ta' mirja retroviżuri

Anness 5 — Metodu tat-test biex tiġi determinata r-riflettività

Anness 6 — Proċedura biex jiġi determinat ir-raġġ tal-kurvatura "r" tal-wiċċ li jirrifletti tal-mera

Anness 7 — Kontroll tal-konformità tal-produzzjoni

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan ir-Regolament japplika:

1.1. Għal mirja retroviżuri maħsubin biex jiġu installati fuq vetturi ta' kategoriji L [1] mingħajr karozzerija li tagħlaq parzjalment jew kompletament lis-sewwieq u

1.2. Għall-installazzjoni ta' mirja retroviżuri fuq vetturi ta' kategorija L mingħajr karozzerija li tagħlaq parzjalment jew kompletament lis-sewwieq [2].

I — MIRJA RETROVIŻURI

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

2.1. "Mera retroviżur" tfisser kull mezz maħsub biex jagħti veduta ċara tan-naħa ta' wara;

2.2. "Tip ta' mera retroviżur" tfisser mezzi li ma jvarjawx fir-rigward tal-karatteristiċi li ġejjin:

2.2.1. Id-dimensjonijiet u r-raġġ tal-kurvatura tal-wiċċ li jirrifletti tal-mera retroviżur,

2.2.2. Id-disinn, l-għamla jew il-materjali tal-mirja retroviżuri, inkluża l-konnessjoni mal-vettura;

2.3. "Klassi tal-mirja retroviżuri" tfisser il-mezzi kollha li jkollhom karatteristika jew funzjoni waħda jew aktar komuni.

Il-mirja retroviżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma miġbura fi Klassi "L".

2.4. "r" tfisser il-medja tar-raġġi tal-kurvatura mkejlin fuq il-wiċċ li jirrifletti, skont il-metodu deskritt fil-paragrafu 2 tal-Anness 6 ta' dan ir-Regolament;

[1] Kif definit fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (id-dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Amend.2 kif emendat l-aħħar mill-Emenda 4).

[2] Għal vetturi bil-magna li għandhom inqas minn erba' roti u mgħammra b'karozzerija li tagħlaq parzjalment jew kompletament lis-sewwieq, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 46.

2.5. "Raġġi prinċipali tal-kurvatura f'punt wieħed miksuba fuq il-wiċċ li jirrifletti (ri) u (r'i)" tfisser il-valuri miksuba bl-użu tal-apparat definit fl-Anness 6, imkejlin fuq l-ark tal-wiċċ li jirrifletti li jinsab fi pjan paralleli mal-akbar dimensjoni tal-mera u li jgħaddi miċ-ċentru tiegħu u tal-ark perpendikolari miegħu;

2.6. "Ir-raġġ tal-kurvatura f'punt wieħed fuq il-wiċċ li jirrifletti (rp)" tfisser il-medja aritmetika tar-raġġi prinċipali tal-kurvatura ri u r'i, jiġifieri:

$$rp = \frac{ri + r'i}{2}$$

2.7. "Ċentru tal-mera" tfisser iċ-ċentrojdu tal-erja viżibbli fuq il-wiċċ li jirrifletti;

2.8. "Ir-raġġ tal-kurvatura tal-partijiet kostitwenti tal-mera retroviżur" tfisser ir-raġġ "c" tal-ark taċ-ċirku li japprossima l-aktar mill-qrib il-għamla mgħawġa tal-parti inkwistjoni.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' mera retroviżur għandha titressaq mid-detentur tal-isem kummerċjali jew tat-trejdmark jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu.

3.2. Għal kull tip ta' mera retroviżur, l-applikazzjoni għandu jkollha magħha tliet kopji tad-dokumenti li jissemmew hawn taħt u d-dettalji li ġejjin:

3.2.1. Deskrizzjoni teknika, li tinkludi l-istruzzjonijiet tal-immuntar u li tispeċifika t-tip(i) ta' vetturi li għalihom hija maħsuba l-mera retroviżur,

3.2.2. Tpinġijiet dettaljati biżżejjed li jippermettu:

3.2.2.1. Li tiġi vverifikata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ġenerali preskritti fil-paragrafu 6,

3.2.2.2. Li tiġi vverifikata l-konformità mad-dimensjonijiet preskritti fil-paragrafu 7.1 u

3.2.2.3. Li tiġi vverifikata l-konformità mal-pożizzjonar tal-ispazji imħollija għall-marka tal-approvazzjoni u preskritti bil-paragrafu 4.2 hawn taħt.

3.3. Barra minn hekk, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni għandu jkollha magħha erba' kampjuni tat-tip ta' mera retroviżur. Fuq talba tas-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, jistgħu jintalbu aktar kampjuni.

3.4. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti sabiex ikun żgurat kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

4. MARKI

4.1. Il-kampjuni tal-mirja retroviżuri ppreżentati għall-approvazzjoni għandhom juru l-isem kummerċjali jew it-trejdmark tal-manifattur; din il-marka għandha tkun leġibbli u ma tkunx tista' titħassar.

4.2. Kull mera retroviżur għandu jkollha fuq il-ħowlder tagħha spazju kbir biżżejjed biex jakkomoda l-marka tal-approvazzjoni, li għandha tkun leġibbli meta l-mera retroviżur tkun immuntata fuq il-vettura; dan l-ispazju għandu jidher fuq it-tpinġijiet imsemmija fil-paragrafu 3.2.2 hawn fuq.

5. APPROVAZZJONI

5.1. Jekk il-kampjuni ppreżentati għall-approvazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafi minn 6 sa 8 hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni tat-tip pertinenti tal-mera retroviżur.

5.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ figuri tiegħu (bħalissa 00 għar-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi maġġuri riċenti li saru lir-Regolament meta nħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' mera retroviżur.

5.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew iċ-ċaħda ta' approvazzjoni tat-tip ta' mera retroviżur skont dan ir-Regolament għandu jintbagħat lill-Partijiet għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

5.4. Flimkien mal-marka preskritta fil-paragrafu 4.1, ma' kull mera retroviżur konformi mat-tip approvat skont dan ir-Regolament, għandu jkun hemm imwaħħal, fejn jidher sew u fl-ispazju msemmi fil-paragrafu 4.2 hawn fuq, marka internazzjonali tal-approvazzjoni li jkun fiha:

5.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru distintiv tal-pajjiż li ta l-approvazzjoni, ([3])

5.4.2. Numru tal-approvazzjoni,

5.4.3. Simbolu addizzjonali fil-għamla tal-ittra "L".

5.5. Il-marka tal-approvazzjoni u s-simbolu addizzjonali għandhom ikunu leġibbli u ma jkunux jistgħu jitħassru.

5.6. L-Anness 3 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempju tal-arranġament tal-marka tal-approvazzjoni u s-simbolu addizzjonali.

6. REKWIŻITI ĠENERALI

6.1. Il-mirja kollha retroviżuri għandhom ikunu aġġustabbli.

6.2. Ix-xifer tal-wiċċ li jirrifletti għandu jingħalaq f'howlder li, fuq il-perimetru tiegħu, għandu jkollu valur ta' "c" ≥ 2,5 mm fil-punti kollha u fid-direzzjonijiet kollha. Jekk il-wiċċ li jirrifletti jipproġetta lil hinn mill-ħowlder, ir-raġġ tal-kurvatura "c" tax-xifer tal-parti li tipproġetta ma għandux ikun inqas minn 2,5 mm u għandu jerġa' lura fil-ħowlder b'forza ta' 50 N applikata fuq il-punt tal-ikbar projezzjoni relattiva mal-ħowlder f'direzzjoni orizzontali bejn wieħed u ieħor paralleli mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

6.3. Meta l-mera retroviżur tiġi mmuntata fuq wiċċ ċatt, il-partijiet tagħha kollha, irrispettivament mill-pożizzjoni ta' aġġustament tat-tagħmir, inklużi dawk il-partijiet li jibqgħu imwaħħlin mal-ħowlder wara t-test stabbilit fil-paragrafu 8.2, li huma f'kuntatt statiku potenzjali ma' sfera b'dijametru ta' 100 mm għandu jkollhom raġġ tal-kurvatura "c" ta' mhux anqas minn 2,5 mm.

6.3.1. Ix-xfar tat-toqob jew daħliet tat-twaħħil, li huma wesgħin inqas minn 12 mm huma eżentati mir-rekwiżiti tar-raġġ li hemm fil-paragrafu 6.3 sakemm dawn ma jkunux jaqtgħu.

6.4. Il-partijiet tal-mirja retroviżuri magħmulin minn ebusija ta' Shore A li mhix akbar minn 60 huma eżentati mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 6.2 u 6.3 hawn fuq.

7. SPEĊIFIKAZZJONIJIET SPEĊJALI

7.1. Id-dimensjonijiet

7.1.1. Id-dimensjonijiet minimi tal-wiċċ li jirrifletti għandhom ikunu tali li:

7.1.1.1. L-erja ma għandhiex tkun anqas minn 69 cm^2,

7.1.1.2. Fil-każ ta' mirja tondi, id-dijametru ma għandux ikun inqas minn 94 mm,

7.1.1.3. Fil-każ ta' mirja li mhumiex tondi, id-dimensjoni tippermetti l-iskrizzjoni ta' ċirku b'dijametru ta' 78 mm fuq il-wiċċ li jirrifletti.

7.1.2. Id-dimensjonijiet massimi tal-wiċċ li jirrifletti għandhom ikunu tali li:

7.1.2.1. Fil-każ ta' mirja tondi, id-dijametru ma għandux ikun inqas minn 150 mm,

7.1.2.2. Fil-każ ta' mirja li mhumiex tondi, il-wiċċ li jirrifletti għandu joqgħod f'rettanglu ta' 120 mm b'200 mm.

([3]) In-numri differenti tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.2/Amend.1.

7.2. Il-wiċċ li jirrifletti u l-koeffiċjent tar-riflessjoni

7.2.1. Il-wiċċ li jirrifletti ta' mera retroviżur għandu jkun sferikament konvess.

7.2.2. Differenzi bejn ir-raġġi ta' kurvatura:

7.2.2.1. Id-differenza bejn ri jew r'i u rp f'kull punt ta' referenza ma għandhiex tkun aktar minn 0,15 r.

7.2.2.2. Id-differenza bejn kwalunkwe raġġ tal-kurvatura (r_{p1}, r_{p2}, u r_{p3}) u r ma għandhiex tkun aktar minn 0,15 r.

7.2.3. Il-valur ta' "r" ma għandux ikun inqas minn 1 000 mm u lanqas akbar minn 1 500 mm.

7.2.4. Il-valur tal-koeffiċjent normali ta' riflessjoni, determinat skont il-metodu deskritt fl-Anness 5 ta' dan ir-Regolament, ma għandux ikun anqas minn 40 %. Jekk il-mera għandha żewġ pożizzjonijiet ("binhar" u "billejl"), il-pożizzjoni ta' "binhar" għandha tippermetti li l-kuluri tas-sinjali tat-traffiku jingħarfu. Il-valur tal-koeffiċjent normali tar-riflessjoni fil-pożizzjoni ta' "billejl" ma għandux ikun inqas minn 4 %.

7.2.5. Il-wiċċ li jirrifletti għandu jżomm il-karatteristiċi speċifikati fil-paragrafu 7.2.4, minkejja esposizzjoni fit-tul għal kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, f'kundizzjonijiet normali tal-użu.

8. TESTIJIET

8.1. Il-mirja retroviżuri għandhom jiġu soġġetti għat-testijiet deskritti fil-paragrafi 8.2 u 8.3 hawn taħt, biex tkun determinata l-imġiba tagħhom f'każ li l-ħowlder li jorbot mas-sieq jew mas-sapport jieħu daqqa u jitgħawweġ.


8.2. Test tal-impatt

8.2.1. Deskrizzjoni tat-tagħmir tat-test:

8.2.1.1. It-tagħmir tat-test għandu jikkonsisti minn pendlu li jkun jista' jitbandal fuq żewġ assi orizzontali li huma kartabun ta' xulxin, u li wieħed minnhom huwa perpendikolari mal-pjan ta' quddiem li jkun fih it-trajettorja tar-"rilaxx" tal-pendlu. It-tarf tal-pendlu għandu jkollu martell magħmul minn sfera riġida b'dijametru ta' 165 + 1 mm u li jkollu għata tal-lastku ħoxna 5 mm ta' ebusija Shore A 50. Għandu jingħata tagħmir sabiex ikun jista' jiġi determinat l-angolu massimu preżunt mis-sieq fil-pjan tar-rilaxx. Għandu jkun hemm sapport imwaħħal sod mal-istruttura li żżomm il-pendlu li jservi biex l-ispesimens ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-impatt stipulati fil-paragrafu 8.2.2.6 hawn taħt. Il-Grafika 1 ta' hawn taħt tagħti d-dimensjonijiet tal-faċilità tat-test u l-ispeċifikazzjonijiet speċjali tad-disinn.

8.2.1.2. Iċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu għandu jikkoinċidi maċ-ċentru tal-isfera li ssawwar il-martell. Dan jinsab f'distanza "1" mill-assi tal-oxxillazzjoni fil-pjan tar-rilaxx, u li hija ekwivalenti għal 1 m ± 5 mm. Il-massa mnaqqsa tal-pendlu fiċ-ċentru tiegħu tal-perkursjoni hija ta' m_o = 6,8 ± 0,05 kg. Ir-relazzjoni bejn iċ-ċentru tal-gravità tal-pendlu u l-assi tar-rotazzjoni tiegħu hija espressa fl-ekwazzjoni:

$$m_o = m \frac{d.}{1}$$



Grafika 1

(Dimensjonijiet f'mm)

8.2.2. Deskrizzjoni tat-test:

8.2.2.1. Il-proċedura użata biex tintrabat il-mera retroviżur mas-sostenn għandha tkun dik rakkomandata mill-manifattur tat-tagħmir, jew, fejn ikun xieraq, mill-manifattur tal-vettura.

8.2.2.2. Il-pożizzjonar għat-test tal-mera retroviżur.

8.2.2.2.1. Il-mirja retroviżuri għandhom ikunu pożizzjonati fuq il-pjattaforma tal-impatt tal-pendlu b'tali mod li l-assi li jkunu orizzontali u vertikali meta installati fuq il-vettura skont l-istruzzjonijiet tal-immuntar tal-manifatturi tal-mera retroviżur jew tal-vettura, ikunu f'pożizzjoni simili.

8.2.2.2.2. Meta mera retroviżur tkun aġġustabbli fir-rigward tal-bażi, il-pożizzjoni tat-test għandha tkun l-anqas favorevoli biex kull tagħmir fus ikun jista' jitħaddem fil-limiti stipulati mill-manifattur tal-mera jew tal-vettura.

8.2.2.2.3. Meta l-mera retroviżur ikollha tagħmir biex tkun aġġustata d-distanza tagħha mill-bażi, it-tagħmir għandu jitqiegħed fil-pożizzjoni tal-iqsar distanza bejn il-ħowlder u l-bażi.

8.2.2.2.4. Meta l-wiċċ li jirifletti jkun jiċċaqlaq fil-ħowlder, dan għandu jkun aġġustat b'tali mod li r-rokna ta' fuq li tkun l-aktar 'il bogħod mill-vettura, tkun fil-pożizzjoni bl-iżjed projettazzjoni relattiva mal-ħowlder.

8.2.2.3. Meta l-pendlu jkun f'pożizzjoni vertikali, il-pjani orizzontali u dawk lonġitudinali vertikali li jgħaddu miċ-ċentru tal-martell, għandhom jgħaddu miċ-ċentru tal-mera kif definit fil-paragrafu 2.7 hawn fuq. Id-direzzjoni lonġitudinali tal-ossillazzjoni tal-pendlu għandha tkun parallela mal-pjan lonġitudinali tal-vettura.

8.2.2.4. Meta, skont il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-aġġustament preskritt fil-paragrafi 8.2.2.2.1 u 8.2.2.2.2 ta' hawn fuq, il-partijiet tal-mera retroviżur jillimitaw ir-ritorn tal-martell, il-punt tal-impatt għandu jitressaq f'direzzjoni perpendikolari mal-assi tar-rotazzjoni jew tal-fus inkwistjoni. Dan it-tressiq għandu jkun dak li huwa strettament meħtieġ għall-implimentazzjoni tat-test.

Dan għandu jkun limitat b'tali mod li l-punt ta' kuntatt tal-martell ikun qiegħed mill-anqas 10 mm mill-periferija tal-wiċċ li jirrifletti.

8.2.2.5. It-test jikkonsisti minn martell li għandu jitħalla jaqa' minn għoli li jikkorrispondi għal angolu tal-pendlu ta' 60° mill-vertikali sabiex il-martell jolqot il-mera retroviżur fil-mument meta l-pendlu jilħaq il-pożizzjoni vertikali.

8.2.2.6. Il-mirja retroviżuri huma soġġetti għal impatt fil-kundizzjonijiet differenti li ġejjin:

8.2.2.6.1. Test 1: Il-punt tal-impatt għandu jkun kif definit fil-paragrafi 8.2.2.3 jew 8.2.2.4 hawn fuq. L-impatt għandu jkun b'tali mod li l-martell jolqot il-mera retroviżur fuq in-naħa tal-wiċċ li jirrifletti.

8.2.2.6.2. Test 2: Il-punt tal-impatt għandu jkun kif definit fil-paragrafi 8.2.2.3 jew 8.2.2.4 hawn fuq. L-impatt għandu jkun b'tali mod li l-martell jolqot il-mera retroviżur fuq in-naħa l-oħra tal-wiċċ li jirrifletti.


8.3. Test tat-tgħawwiġ fuq il-ħowlder li jeħel mas-sieq

8.3.1. Deskrizzjoni tat-test

8.3.1.1. Il-ħowlder għandu jitqiegħed orizzontalment f'tagħmir b'tali mod li l-partijiet tal-aġġustament tal-immuntar ikunu jistgħu jintrabtu b'mod sikur. Fid-direzzjoni tal-akbar dimensjoni tal-ħowlder, it-tarf l-aktar viċin il-punt tat-twaħħil fuq il-parti tal-aġġustament għandu jkun immobilizzat permezz ta' tarġa fissa wiesgħa 15 mm, li tkopri l-wisa' kollha tal-ħowlder.

8.3.1.2. Fit-tarf l-ieħor, tarġa identika għal dik deskritta hawn fuq għandha titqiegħed fuq il-ħowlder sabiex tkun tista' tiġi applikata fuqu t-tagħbija speċifikata tat-test (ara l-Grafika 2).

8.3.1.3. It-tarf tal-ħowlder li qiegħed fuq in-naħa l-oħra ta' dak li fuqu tkun qed tiġi applikata l-forza jista' jintrabat minflok jinżamm fil-pożizzjoni, kif jidher fil-Grafika 2.



Grafika 2

Eżempju ta' apparat ta' test tat-tgħawwiġ għall-ħawsings protettivi ta' mera retroviżur

8.3.2. It-tagħbija tat-test għandha tkun 25 kg u tiġi applikata għal minuta.

8.4. Ir-Riżultati tat-testijiet

8.4.1. Fit-testijiet deskritti fil-paragrafu 8.2 hawn fuq, il-pendlu għandu jerġa' lura b'tali mod li l-projezzjoni fuq il-pjan tar-rilaxx, tal-pożizzjoni meħuda mis-sieq, tifforma angolu ta' mill-anqas 20° mal-vertikali.

8.4.1.1. L-eżattezza tal-kejl tal-angolu għandha tkun ±/1°.

8.4.2. Il-mera ma għandhiex tinkiser waqt it-testjiet deskritti fil-paragrafi 8.2 u 8.3 hawn fuq. Madankollu, jista' jitħalla jsir il-ksur tal-wiċċ li jirrifletti tal-mera jekk tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

8.4.2.1. Il-frak tal-ħġieġ jibqa' mwaħħal ma' wara tal-howlder jew ma' wiċċ imwaħħal sod mal-howlder, għajr li tista' titħalla separazzjoni parzjali tal-ħġieġa minn ma' wara tiegħu, sakemm din ma taqbiżx it-2,5 mm fuq naħa jew oħra tax-xaqq. Mal-punt tal-impatt, frak żgħir irqiq jista' jitħalla jinqala' minn mal-wiċċ tal-ħġieġa;

8.4.2.2. Il-mera hija magħmula minn ħġieġ sikur.

9. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

9.1. Kull mera retroviżur approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'tali mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi minn 6. sa 8. hawn fuq.

9.2. Sabiex ikun ivverifikat li ntlaħqu r-rekwiżiti tal-paragrafu 9.1, għandhom isiru kontrolli xierqa tal-produzzjoni.

9.3. Id-detentur tal-approvazzjoni għandu, b'mod partikolari:

9.3.1. Jiżgura li jeżistu proċeduri għall-kontroll effettiv tal-kwalità ta' mirja retroviżuri,

9.3.2. Ikollu aċċess għat-tagħmir ta' kontroll meħtieġ biex jiċċekkja l-konformità ta' kull tip approvat,

9.3.3. Jiżgura li d-dejta tar-riżultati tat-testijiet tiġi rreġistrata u li d-dokumenti annessi jibqgħu disponibbli għal perjodu li jrid ikun determinat skont is-servizz amministrattiv,

9.3.4. Janalizza r-riżultati ta' kull tip ta' test, sabiex tiġi vverifikata u żgurata l-istabbiltà tal-karatteristiċi tal-mera retroviżur, filwaqt li jħalli lok għall-varjazzjoni tal-produzzjoni industrijali,

9.3.5. Jiżgura li għal kull tip ta' mera retroviżur għallinqas isiru t-testijiet preskritti fl-Anness 7 ta' dan ir-Regolament,

9.3.6. Jiżgura li kull kampjun jew biċċa mit-test li jagħtu evidenza li hemm nuqqas ta' konformità fit-tip ta' test ikkunsidrat għandhom iwasslu biex jittieħdu kampjuni oħra u biex isir test ieħor. Għandhom jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità tal-produzzjoni korrispondenti.

9.4. L-awtorità kompetenti li tat l-approvazzjoni tat-tip tista', meta jidhrilha, tivverifika l-metodi ta' kontroll dwar il-konformità applikabbli għal kull unità ta' produzzjoni.

9.4.1. F'kull spezzjoni, il-kotba tat-test u r-reġistri tal-istħarriġ dwar il-produzzjoni għandhom jiġu preżentati lill-ispettur li jkun żar il-post.

9.4.2. L-ispettur jista' jieħu kampjuni b'mod każwali biex jiġu ttestjati fil-laboratorju tal-manifattur. Innumru minimu ta' kampjuni jista' jiġi stabbilit skont ir-riżultati tal-verifika tal-manifattur stess.

9.4.3. Meta l-livell tal-kwalità jidher li ma jkunx sodisfaċenti jew meta tinħass il-ħtieġa li ssir verifika tal-validità tat-testijiet li saru meta ġie applikat il-paragrafu 9.4.2, l-ispettur għandu jagħżel kampjuni biex jintbagħtu lis-servizz tekniku li jkun mexxa t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip.

9.4.4. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel kwalunkwe test preskritt f'dan ir-Regolament.

9.4.5. Il-frekwenza normali ta' spezzjonijiet awtorizzati mill-awtorità kompetenti għandha tkun ta' darba kull sentejn. Fil-każ fejn jiġu rreġistrati riżultati negattivi waqt waħda minn dawn iż-żjarat, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità tal-produzzjoni malajr kemm jista' jkun.

10. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

10.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-tip ta' mera retroviżur skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jintlaħqux ir-rekwiżiti stipulati hawn fuq.

10.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li qed tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, din għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

11. MODIFIKA U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' MERA RETROVIŻUR

11.1. Kull modifika tat-tip ta' mera retroviżur għandha tiġi mgħarrfa lid-dipartiment amministrattiv li jkun approva t-tip ta' mera retroviżur. Imbagħad, id-dipartiment jista':

11.1.1. Jikkunsidra li l-modifiki li jkunu saru x'aktarx mhux se jkollhom effett negattiv apprezzabbli u li f'kull każ il-mera retroviżur xorta tibqa' konformi mar-rekwiżiti; jew

11.1.2. Jitlob rapport ieħor tat-testijiet mis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

11.2. Il-konferma jew iċ-ċaħda ta' approvazzjoni, li tkun tispeċifika l-bidliet, għandha tkun komunikata skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 5.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

11.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tagħti numru tas-serje għat-tali estensjoni u tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formula ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

12. PRODUZZJONI MWAQQFA DEFINITTIVAMENT

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għal kollox il-manifattura tat-tip ta' mera retroviżur approvata skont dan ir-Regolament, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċevi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

II — INSTALLAZZJONI TA' MIRJA RETROVIŻURI

13. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

13.1. "L-ispid massimu tad-disinn" kif speċifikat fil-paragrafu 16.2 ta' dan ir-Regolament.

13.2. "It-tip ta' vettura fir-rigward ta' mirja retroviżuri" tfisser vetturi li huma identiċi fir-rigward tal-karatteristiċi bażiċi li ġejjin:

13.2.1. Il-karatteristiċi ġeometriċi tal-vettura, li għandhom tendenza li jinfluwenzaw l-installazzjoni tal-mirja retroviżuri,

13.2.2. Il-pożizzjonijiet u t-tipi speċifikati ta' mirja retroviżuri.

14. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

14.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura rigward l-installazzjoni tal-mirja retroviżuri għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu li jkun akkreditat kif xieraq.

14.2. Magħha għandhom jitressqu tliet kopji tad-dokumenti li jissemmew hawn taħt u d-dettalji li ġejjin:

14.2.1. Deskrizzjoni tat-tip ta' vettura fejn għandhom x'jaqsmu l-karatteristiċi msemmija fil-paragrafu 13.2 ta' hawn fuq;

14.2.2. Lista tal-komponenti meħtieġa sabiex jidentifikaw il-mirja retroviżuri li jistgħu jiġu installati fil-vettura;

14.2.3. Disinji li juru l-pożizzjoni tal-mera retroviżur u l-komponenti li jistgħu jiġu addattati mal-vettura.

14.3. Lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet għall-approvazzjoni għandu jitressaq rappreżentattiv tal-vettura tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata.

14.4. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti sabiex ikun żgurat kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

15. APPROVAZZJONI

15.1. Jekk it-tip ta' vettura mressqa għall-approvazzjoni skont il-paragrafu 14 ta' hawn fuq tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 16 ta' dan ir-Regolament, l-approvazzjoni għandha tingħata.

15.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ figuri tiegħu (bħalissa 00, għar-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi maġġuri riċenti li saru lir-Regolament meta nħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil xi tip ta' vettura oħra.

15.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew iċ-ċaħda ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola konformi mal-mudell fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

15.4. Ma' kull vettura li tikkonforma mat-tip approvat skont dan ir-Regolament, għandha jkun hemm imwaħħal, fejn jidher sew u f'post faċilment aċċessibbli li jkun ġie speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, marka internazzjonali tal-approvazzjoni li jkun fiha:

15.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru distintiv tal-pajjiż li ta l-approvazzjoni, ([4])

15.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", dexx u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 15.4.1.

15.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti l-oħra annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, mhemmx għalfejn jiġi ripetut is-simbolu preskritt fil-paragrafu 15.4.1; f'każ bħal dan, in-numri tar-Regolament u tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonthom tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni weqfin fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 15.4.1.

15.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun leġibbli u ma tkunx tista' titħassar.

15.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed viċin jew fuq il-pjanċa bid-dejta dwar il-vettura li jkun waħħal il-manifattur.

15.8. L-Anness 4 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni.

16. REKWIŻITI

16.1. Il-vettura għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

16.1.1. Il-mirja retroviżuri installati fuq il-vettura għandhom ikunu tat-tip ta' Klassi/L approvati skont dan ir-Regolament.

16.1.2. Il-mirja retroviżuri għandhom jitwaħħlu b'tali mod li jibqgħu sodi fil-kundizzjonijiet normali tal-użu.

16.2. In-Numru

16.2.1. Il-vetturi kollha b'żewġ roti bi spid massimu tad-disinn li ma jaqbiżx il-50 km/h għandhom ikunu mgħammra mill-inqas b'mera retroviżur waħda. Jekk ikollhom mera waħda biss, din il-mera retroviżur għandha titwaħħal fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura fil-pajjiżi li jsuqu fuq il-lemin tat-triq, u fuq il-lemin tal-vettura fil-pajjiżi li jsuqu fuq ix-xellug.

([4]) Ara n-nota 3 ta' qiegħ il-paġna tal-paragrafu 5.4.1.

16.2.2. Il-vetturi kollha b'żewġ roti bi spid massimu tad-disinn li jaqbeż il-50 km/h u l-vetturi kollha bi tliet roti għandhom ikunu mgħammra b'żewġ mirja retroviżuri, waħda fuq in-naħa tax-xellug u oħra fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura.

16.3. Il-lok

16.3.1. Il-mirja retroviżuri jridu jiġu mmuntati jew aġġustati b'tali mod li d-distanza taċ-ċentru tal-wiċċ li jirrifletti, kif imkejla fi pjan orizzontali, tkun mill-inqas 280 mm 'il barra mill-pjan vertikali longitudinali li jgħaddi miċ-ċentru tal-kolonna tal-istering tal-vettura. Qabel ma jsir il-kejl, il-manubriju għandu jitqiegħed f'pożizzjoni dritta jħares 'il quddiem u l-mera/mirja għandha/hom tkun/ikunu aġġustata/i għall-pożizzjoni normali tagħha/hom.

16.4. L-aġġustament

16.4.1. Il-mirja retroviżuri għandhom ikunu b'tali mod li s-sewwieq ikun jista' jaġġustahom fil-pożizzjoni normali tas-sewqan.

17. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

17.1. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'konformità mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 16 ta' hawn fuq.

17.2. Sabiex ikun ivverifikat li ntlaħqu r-rekwiżiti tal-paragrafu 17.1, għandhom isiru kontrolli xierqa tal-produzzjoni.

17.3. Id-detentur tal-approvazzjoni għandu, b'mod partikolari:

17.3.1. Jiżgura li jeżistu proċeduri għall-kontroll effettiv tal-kwalità tal-vetturi rigward l-aspetti kollha rilevanti għal konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 16 ta' hawn fuq;

17.3.2. Jiżgura li għal kull tip ta' vettura jsiru kontrolli biżżejjed fir-rigward tan-numru u t-tip ta' mirja retroviżuri u d-dimensjonijiet rilevanti għall-installazzjoni korretta tagħhom sabiex jiżguraw li l-vetturi kollha fil-produzzjoni jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija għall-vettura li tkun ġiet ippreżentata għall-approvazzjoni tat-tip;

17.3.3. Jiżgura li, jekk il-kontrolli li saru skont il-paragrafu 17.3.2 ta' hawn fuq jagħtu evidenza li xi waħda jew aktar mill-vetturi ma jkunux konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 16 ta' hawn fuq, jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità tal-produzzjoni korrispondenti.

17.4. L-awtorità kompetenti li tat l-approvazzjoni tat-tip tista', meta jidhrilha, tivverifika l-metodi ta' kontroll dwar il-konformità applikabbli għal kull unità ta' produzzjoni. Din tista' twettaq ukoll kontrolli każwali fuq vetturi mmanifatturati f'serje fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 16 ta' hawn fuq.

17.5. Fil-każ fejn jiġu rreġistrati riżultati negattivi waqt il-verifiki u l-kontrolli skont il-paragrafu 17.4 ta' hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità tal-produzzjoni malajr kemm jista' jkun.

18. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

18.1. L-approvazzjoni mogħtija rigward it-tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jintlaħqux ir-rekwiżiti stipulati hawn fuq.

18.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolment tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, din għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

19. MODIFIKA U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' VETTURA

19.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura għandha tiġi mgħarrfa lid-dipartiment amministrattiv li jkun approva t-tip ta' vettura. Imbagħad, id-dipartiment jista':

19.1.1. Jikkunsidra li l-modifiki li jkunu saru x'aktarx mhux jkollhom effett negattiv apprezzabbli u li f'kull każ il-vettura xorta tibqa' konformi mar-rekwiżiti; jew

19.1.2. Jitlob rapport ieħor tat-testijiet mis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

19.2. Il-konferma jew iċ-ċaħda ta' approvazzjoni, li tkun tispeċifika l-bidliet, għandha tkun komunikata skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 15.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

19.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru tas-serje għat-tali estensjoni u tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

20. PRODUZZJONI MWAQQFA DEFINITTIVAMENT

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għal kollox il-manifattura tat-tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tgħarraf b'dan lill-Parijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formula ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell tal-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.


21. ISMIJIET U INDIRIZZI TA' SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

Il-Partijiet għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li għandhom jintbagħtulhom il-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

ANNESS 1

KOMUNIKAZZJONI

(format massimu: A4 (210 x 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

dwar (2): APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
APPROVAZZJONI ESTIŻA
APPROVAZZJONI MIĊĦUDA
APPROVAZZJONI RTIRATA
PRODUZZJONI MWAQQFA DEFINITTIVAMENT

ta' tip ta' mera retroviżur skont ir-Regolament Nru 81

In-Nru tal-approvazzjoni ..... In-Nru tal-estensjoni .....


1. L-isem kummerċjali jew it-trejdmark tat-tagħmir: .....
2. It-tip ta' tagħmir: .....
3. Deskrizzjoni qasira li b'mod partikolari tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
3.1. Id-dimensjonijiet ewlenin tal-wiċċ li jirrifletti
3.2. Raġġ nominali tal-kurvatura tal-wiċċ li jirrifletti
4. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
5. Jekk ikun applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
6. It-tagħmir tressaq għall-approvazzjoni fi: .....
7. Id-dipartiment tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
8. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
9. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
10. Il-vetturi li għalihom huwa ddisinjat it-tagħmir: .....
11. L-approvazzjoni hija mogħtija/irrifjutata/estiża/irtirata (2)
12. Raġuni(jiet) għala ġie estiż iż-żmien tal-approvazzjoni: .....
13. Post: .....
14. Data: .....
15. Firma: .....
16. Lista ta' dokumenti li jinsabu fil-fajl tal-approvazzjoni mgħoddi lis-servizz amministrattiv li ta l-approvazzjoni hija annessa ma' din il-komunikazzjoni.

(1) In-numru distintiv tal-pajjiż li ta/estenda/ċaħad/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).
(2) Ingassa dak li ma japplikax.

ANNESS 2

KOMUNIKAZZJONI

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

dwar (2): APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
APPROVAZZJONI ESTIŻA
APPROVAZZJONI MIĊĦUDA
APPROVAZZJONI RTIRATA
PRODUZZJONI MWAQQFA DEFINITTIVAMENT

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' mirja retroviżuri skont ir-Regolament Nru 81

In-Nru tal-approvazzjoni ..... In-Nru tal-estensjoni .....


1. L-isem kummerċjali jew it-trejdmark tal-vettura: .....
2. It-tip ta' vettura: .....
3. L-ispid massimu tad-disinn tal-vettura: ≤ 50 km/h/> 50 km/h (2)
4. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
5. Jekk ikun applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
6. L-isem kummerċjali jew it-trejdmark tal-mera/mirja retroviżur/i: .....
7. Il-marka tal-approvazzjoni tal-mera retroviżur: .....
8. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi: .....
9. Id-dipartiment tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
10. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
11. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
12. L-approvazzjoni hija mogħtija/irrifjutata/estiża/irtirata (2)
13. Raġuni(jiet) għala ġie estiż iż-żmien tal-approvazzjoni: .....
14. Post: .....
15. Data: .....
16. Firma: .....
17. Lista ta' dokumenti li jinsabu fil-fajl tal-approvazzjoni mgħoddi lis-servizz amministrattiv li ta l-approvazzjoni hija annessa ma' din il-komunikazzjoni.

(1) In-numru distintiv tal-pajjiż li ta/estenda/ċaħad/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).
(2) Ingassa dak li ma japplikax.

ANNESS 3

ARRANĠAMENT TAL-MARKA TAL-APPROVAZZJONI TAL-MERA RETROVIŻUR

(Ara l-paragrafu 5.4 tar-Regolament)



a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq meta mwaħħla ma' mera retroviżur turi li hija mera retroviżur, tat-tip L, li ġiet approvata fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) bin-numru tal-approvazzjoni 002439. L-ewwel żewġ figuri tan-numru tal-approvazzjoni juru li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 81 fil-forma oriġinali tiegħu.


Nota: In-numru tal-approvazzjoni u s-simbolu addizzjonali jridu jitqiegħdu qrib iċ-ċirku u, fuq jew taħt l-"E" jew fuq ix-xellug jew fuq il-lemin ta' dik l-ittra. Il-figuri tan-numru tal-approvazzjoni jridu jkunu fuq l-istess naħa tal-"E" u jħarsu fl-istess direzzjoni. Is-simbolu addizzjonali jrid ikun direttament faċċata tan-numru tal-approvazzjoni. L-użu tan-numri Rumani bħala numru tal-approvazzjoni għandu jiġi evitat sabiex ma jkunx hemm konfużjoni ma' simboli oħra.

ANNESS 4

ARRANĠAMENTI TAL-MARKA TAL-APPROVAZZJONI TAL-VETTURA DWAR L-INSTALLAZZJONI TA' MIRJA RETROVIŻURI

Mudell A

(Ara l-paragrafu 15.4 tar-Regolament)




a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq meta mwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernata ġiet approvata fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru 81 u bin-numru tal-approvazzjoni 002439. L-ewwel żewġ figuri tan-numru tal-approvazzjoni juru li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 81 fil-forma oriġinali tiegħu.

Mudell B

(Ara l-paragrafu 15.5 tar-Regolament)



a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq meta mwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernata ġiet approvata fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru 81 u 47 ([1]). L-ewwel żewġ figuri tan-numri tal-approvazzjoni juru li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ma kienx ġie modifikat ir-Regolament Nru 81, u r-Regolament Nru 47 kien diġà jinkludi s-serje ta' emendi 01.

([1]) It-tieni numru qed jingħata biss bħala eżempju.

ANNESS 5

METODU TAT-TEST BIEX TIĠI DETERMINATA R-RIFLETTIVITÀ

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. Mezz ta' illuminazzjoni standard CIE A ([1]):

λ	$\bar{x}$	(λ)
600	1,062	2
620	0,854	4
650	0,283	5

1.2. Sors A tal-istandard tas-CIE ([1]): Bozza tal-filament tat-tungstenu mimlija bil-gass li taħdem f'temperatura ta' kulur korrelat ta' T_{68} = 2 855,6 K.

1.3. Osservatur kolorimetru tal-istandard CIE 1931: ([1]) Reċettur tar-radjazzjoni li l-karatteristiċi kolorimetriċi tiegħu jikkorrispondu mal-valuri tristimulus spettrali $\bar{x}(\lambda)$, y(λ), z(λ) (ara t-tabella).

1.4. Il-valuri tristimulus spettrali tas-CIE ([1]): Il-valuri tristimulus tal-komponenti spettrali ta' spettru ta' ekwi-enerġija fis-sistema tas-CIE (XYZ).

1.5. Viżjoni fotopika ([1]): Il-viżjoni bl-għajn normali meta tiġi addattata għal-livelli ta' luminanza ta' mill-anqas bosta kandeli kull metru kwadru.

2. APPARAT

2.1. Ġenerali

2.1.1. L-apparat għandu jikkonsisti minn sors tad-dawl, ħowlder għall-kampjun tat-test, unità ta' riċevitur b'fotodetettur u arloġġ indikatur (ara l-Grafika 1), u mezz li jelimina l-effetti tad-dawl barrani.

2.1.2. Ir-riċevitur jista' jkun fih sfera li tintegra d-dawl biex jiffaċilita l-kejl tar-riflettanza ta' mirja (konvessi) li mhumiex ċatti (ara l-Grafika 2).

2.2. Il-karatterstiċi spettrali tas-sors tad-dawl u r-riċevitur.

2.2.1. Is-sors tad-dawl għandu jikkonsisti minn sors A tal-istandard tas-CIE u ottiki assoċjati sabiex jipprovdu raġġ tad-dawl kważi kollimat. Huwa rrakkomandat li jintuża stabilizzatur tal-vultaġġ sabiex il-vultaġġ tal-bozza jinżamm fiss meta l-istrument ikun qed jaħdem.

2.2.2. Ir-riċevitur għandu jkollu fotodetettur b'rispons spettrali proporzjonat mal-funzjoni fotopika tal-luminosità tal-osservatur kolorimetriku standard tas-CIE (1931) (ara t-tabella). Tista' tintuża kull kombinazzjoni oħra ta' reċettur illuminant bil-filtru li jagħti l-ekwivalenti ġenerali tal-illuminant A bl-istandard tas-CIE u l-viżjoni fotopika. Meta fir-riċevitur tintuża sfera integranti, il-wiċċ ta' ġewwa tal-isfera għandu jinkesa b'kisja bajda matta (diffusiva) li mhix spettralment selettiva.

2.3. Kundizzjonijiet ġeometriċi

2.3.1. Preferibbilment l-angolu tar-raġġ incidentali tad-dawl (0) għandu jkun 0,44 ± 0,09 rad (25 ± 5°) mill-perpendikolari għall-wiċċ tat-test u ma għandux jaqbeż il-limitu ta' fuq tat-tolleranza (jiġifieri 0,53 rad jew 30°). L-assi tar-reċettur għandu jagħmel angolu (0) ma' dan il-perpendikolari daqs dak tar-raġġ inċidentali tad-dawl (ara l-Grafika 1). Meta r-raġġ inċidentali tad-dawl jasal fuq il-wiċċ tat-test, dan għandu jkollu dijametru ta' mhux inqas minn 19 mm. Ir-raġġ rifless tad-dawl ma għandux ikun usa' miż-żona sensittiva tal-fotodetettur, ma għandux ikopri inqas minn 50 % ta' din iż-żona, u kemm jista' jkun għandu jkopri l-istess parti taż-żona użata waqt il-kalibrazzjoni tal-istrument.

2.3.2. Meta fis-sezzjoni tar-riċevitur tintuża sfera ta' integrazzjoni, l-isfera għandu jkollha dijametru ta' mill-inqas 127 mm. Il-kampjun u l-aperturi tar-raġġ inċidentali tad-dawl fuq wiċċ l-isfera għandhom ikunu ta' daqs li jippermetti li jgħaddu r-raġġi inċidentali u riflessi kollha tad-dawl. Il-fotodetettur għandu jitqiegħed b'tali mod li ma jirċevix dawl dirett mir-raġġi inċidentali tad-dawl jew mir-raġġi riflessi tad-dawl.

([1]) Definizzjonijiet meħuda mill-pubblikazzjoni tas-CIE 50(45), il-Vokabularju Internazzjonali Elettroniku, Grupp/45: id-dawl.

2.4. Il-karatteristiċi elettriċi tal-unità tal-indikatur-fotodetettur

L-output tal-fotodetettur, kif jinqara fuq il-metru indikatur, għandu jkun funzjoni lineari tal-intensità tad-dawl fuq iż-żona fotosensittiva. Għandhom jingħataw mezzi (elettriċi u/jew ottiċi) biex jiffaċilitaw l-aġġustamenti għaż-żero u għall-kalibrazzjoni. Dawn il-mezzi ma għandhomx jaffettwaw il-linearità jew il-karatteristiċi spettrali tal-istrument. L-eżattezza tal-indikatur-reċettur għandha tkun bi ± 2 % tal-iskala shiħa, jew bi ± 10 % tal-kobor tal-qari, liema minnhom hija l-iżgħar.

2.5. Il-ħowlder tal-kampjun

Il-mekkaniżmu għandu jkun kapaċi jsib il-kampjun tat-test b'mod li l-assi ta' sieq is-sors u r-reċettur jinkroċjaw fuq il-wiċċ li jirrifletti. Il-wiċċ li jirrifletti jista' jkun ġo jew fuq wiċċ jew ieħor tal-kampjun tal-mera, skont jekk dan ikunx l-ewwel wiċċ, it-tieni wiċċ jew mera priżmatika tat-tip li "tinqaleb".

3. PROĊEDURA

3.1. Il-Metodu dirett tal-kalibrazzjoni

3.1.1. Fil-metodu dirett tal-kalibrazzjoni, l-arja tintuża bħala l-istandard tar-referenza. Dan il-metodu japplika għal dawk l-istrumenti li huma mibnija b'mod li jippermettu l-kalibrazzjoni fil-punt ta' 100 % billi jbandlu r-riċevitur għal pożizzjoni direttament fuq l-assi tas-sors tad-dawl (ara l-Grafika 1),

3.1.2. F'xi każijiet (bħal meta jkunu qed jitkejlu uċuħ b'riflettività baxxa) wieħed jista' jagħżel li juża punt intermedju tal-kalibrazzjoni (bejn iż-0 u l-100 % fuq l-iskala) b'dan il-metodu. F'dawn il-każijiet, fil-passaġġ ottiku għandu jiddaħħal filtru newtrali tad-densità ta' trażmittanza magħrufa, u mbagħad il-kontroll tal-kalibrazzjoni għandu jiġi aġġustat sakemm l-arloġġ jaqra t-trażmissjoni perċentwali tal-filtru newtrali tad-densità. Dan il-filtru għandu jitneħħa qabel ma jsir il-kejl tar-riflettività.


3.2. Il-metodu tal-kalibrazzjoni indiretta

Il-metodu tal-kalibrazzjoni indiretta huwa applikabbli għal dawk l-istrumenti b'ġeometrija fissa ta' sors u riċevitur. Huwa meħtieġ standard tar-riflettanza kkalibrat u miżmum tajjeb. Preferibbilment dan l-istandard tar-referenza għandu jkun mera ċatta b'valur ta' riflettanza li jkun qrib kemm jista' jkun ta' dak tal-kampjuni tat-test.

3.3. Il-kejl ta' mera (konvessa) li mhix ċatta


Il-kejl tar-riflettanza ta' mirja (konvessi) li mhumiex ċatti jeħtieġ l-użu ta' strumenti li jkun fihom sfera integranti fl-unità riċevitur (ara l-Grafika 2). Jekk l-arloġġ li jindika l-istrumenti jindika diviżjonijiet n_e ma' mera standard ta' referenza b'riflettanza ta' E fil-mija, imbagħad, ma' mera b'riflettanza mhux magħrufa, id-diviżjonijiet n_x iridu jikkorrispondu ma' riflessjoni ta' X %, skont il-formula:

$$X = E \frac{n_x}{n_e}$$



Grafika 1

Riflettometru ġeneralizzat li juri ġeometriji għaż-żewġ metodi ta' kalibrazzjoni



Grafika 2

Riflettometru ġeneralizzat li fih sfera integranti fir-reċettur

VALURI TRISTIMULUS SPETTRALI GĦALL-OSSERVATUR KOLORIMETRIKU TAL-ISTANDARD TAS-CIE 1931 ([1])

(Din it-tabella hija meħuda mill-pubblikazzjoni tas-CIE 50(45) (1970))


λ nm	x (λ)	$\bar{y}$(λ)	$\bar{z}$(λ)
380	0,0014	0,0000	0,0065
390	0,0042	0,0001	0,0201
400	0,0143	0,0004	0,0679
410	0,0435	0,0012	0,2074
420	0,1344	0,0040	0,6456
430	0,2839	0,0116	1,3856
440	0,3483	0,0230	1,7471
450	0,3362	0,0380	1,7721
460	0,2908	0,0600	1,6692
470	0,1954	0,0910	1,2876
480	0,0956	0,1390	0,8130
490	0,0320	0,2080	0,4652
500	0,0049	0,3230	0,2720
510	0,0093	0,5030	0,1582
520	0,0633	0,7100	0,0782
530	0,1655	0,8620	0,0422

λ nm	x (λ)	$\bar{y}(\lambda)$	$\bar{z}(\lambda)$
540	0,2904	0,9540	0,0203
550	0,4334	0,9950	0,0087
560	0,5945	0,9950	0,0039
570	0,7621	0,9520	0,0021
580	0,9163	0,8700	0,0017
590	1,0263	0,7570	0,0011
600	1,0622	0,6310	0,0008
610	1,0026	0,5030	0,0003
620	0,8544	0,3810	0,0002
630	0,6424	0,2650	0,0000
640	0,4479	0,1750	0,0000
650	0,2335	0,1070	0,0000
660	0,1649	0,0610	0,0000
670	0,0874	0,0320	0,0000
680	0,0468	0,0170	0,0000
690	0,0227	0,0082	0,0000
700	0,0114	0,0041	0,0000
710	0,0058	0,0021	0,0000
720	0,0029	0,0010	0,0000
730	0,0014	0,0005	0,0000
740	0,0007	0,0002 [2]	0,0000
750	0,0003	0,0001	0,0000
760	0,0002	0,0001	0,0000
770	0,0001	0,0000	0,0000
780	0,0000	0,0000	0,0000

[1] Tabella mqassra. Il-valuri ta' $\bar{y}(\lambda) = V(\lambda)$ huma approssimati għal erba' punti deċimali.
[2] Mibdul fl-1966 (minn 3 għal 2).

Grafika ta' spjegazzjoni

Eżempju ta' tagħmir biex jitkejjel il-fattur tar-riflessjoni ta' mirja sferikali



C = Riċevitur

D = Dijaframma

E = Tieqa tad-dħul

F = Tieqa tal-kejl

L = Lenti

M = Tieqa tal-oġġett

S = Sors tad-dawl

(S) = Sfera integranti

ANNESS 6

PROĊEDURA BIEX JIĠI DETERMINAT IR-RAĠĠ TAL-KURVATURA "r" TAL-WIĊĊ LI JIRRIFLETTI TAL-MERA

1. Kejl

1.1. Tagħmir

Jintuża l-"isferometru" deskritt fil-Grafika.

1.2. Il-punti tal-kejl

1.2.1. Ir-raġġi ewlenin tal-kurvatura għandhom jitkejlu fi tliet punti li jkunu qrib kemm jista' jkun tal-pożizzjonijiet f'1/3, 1/2 u 2/3 tad-distanza tul l-ark tal-wiċċ li jirrifletti li jinsab fi pjan paralleli mal-akbar dimensjoni tal-mera u li jgħaddi miċ-ċentru tiegħu u tal-ark perpendikolari miegħu.


1.2.2. Fejn, minħabba d-daqs tal-mera, ikun impossibbli li jinkiseb kejl fid-direzzjonijiet definiti fil-punt/1.2.1. id-dipartimenti tekniċi responsabbli għat-testijiet jistgħu jieħdu l-kejl f'dan il-punt f'żewġ direzzjonijiet perpendikolari qrib kemm jista' jkun ta' dawk deskritti hawn fuq.

2. Il-kalkolu tar-raġġ tal-kurvatura (r)

"r" espress f'mm jiġi kkalkolat permezz tal-formola:

$$r = \frac{r_{p1} + r_{p2} + r_{p3}}{3}$$

fejn r_{p1} huwa r-raġġ tal-kurvatura fl-ewwel punt tal-kejl, r_{p2} fit-tieni u r_{p3} fit-tielet.



[▽]

ANNESS 7

KONTROLL TAL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

1. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan l-anness,

It-"tip ta' sistema ta' deflessjoni" tfisser il-kombinazzjoni tal-assi, il-punti tar-rotazzjoni u mekkaniżmi oħra tal-artikolazzjoni li jiżguraw id-deflessjoni tal-mera retroviżur fid-direzzjoni tal-impatt ikkonċernat.

2. TESTIJIET

Il-mirja retroviżuri għandhom ikunu soġġetti għat-testijiet li ġejjin:

2.1. Il-wiċċ li jirrifletti

2.1.1. Verifika tar-raġġ nominali tal-kurvatura, skont ir-rekwiżiti tal-paragrafu 2 tal-Anness 6 ta' dan ir-Regolament;

2.1.2. Kejl tad-differenzi bejn ir-raġġi tal-kurvatura skont ir-rekwiżiti tal-paragrafu 7.2.2 ta' dan ir-Regolament.

2.2. Is-sistema tad-deflessjoni

Test tal-impatt skont ir-rekwiżiti tal-paragrafu 8.2 ta' dan ir-Regolament.

3. FREKWENZA U RIŻULTATI TAT-TESTIJIET

3.1. Verifika tar-raġġ nominali tal-kurvatura u kejl tad-differenzi bejn ir-raġġi tal-kurvatura

3.1.1. Il-frekwenza:

Test kull tliet xhur, għal kull numru tal-approvazzjoni, għal kull raġġ nominali tal-kurvatura.

3.1.2. Ir-riżultati:

Għandhom jiġu rreġistrati r-riżultati kollha tal-kejl.

Għandhom jitħarsu l-valuri tad-differenza massima msemmija fil-paragrafu 7.2.2 ta' dan ir-Regolament.

3.2. Test tal-impatt

3.2.1. Il-frekwenza:

Test kull tliet xhur, għal kull numru tal-approvazzjoni, għal kull tip ta' sistema ta' deflessjoni, għal kull konfigurazzjoni bażi.

3.2.2. Ir-riżultati:

Għandhom jiġu rreġistrati r-riżultati kollha.

Għandhom jitħarsu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8.4 ta' dan ir-Regolament.

3.3. L-għażla tal-kampjuni

L-għażla tal-kampjuni li jridu jiġu ttestjati għandha tqis il-kwantità prodotta ta' kull tip ta' mera retroviżur.